***Ruling*** **mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 294 tal-20 ta' Lulju 2015 dwar punt imqajjem mill-Onor. Clyde Puli fis-Seduta 287 tat-8 ta' Lulju 2015 fil-konfront tal-Onor. Joe Farrugia**

Is-Sedja qed tagħmel referenza għal dak li tqajjem fis-Seduta 287 tat-8 ta' Lulju 2015 meta l-Kamra rriżumiet wara li ġiet sospiża għal għoxrin minuta wara li kienet intalbet *division* fuq l-emenda indikata fil-paragrafu 2(m) tal-Mozzjoni 247 ippreżentata mill-Oppożizzjoni, u dan skont kif stabbilit fl-Ordnijiet Permanent tal-Kamra, meta l-Onorevoli Clyde Puli qal hekk:

> "Nitlob il-protezzjoni tiegħek. Jiena hawn barra waqt il-*break* ġejt mgħajjar mill-Onorevoli Farrugia li attakkana għaliex aħna qegħdin nieħdu pożizzjoni kif għandna dritt nagħmlu f'din l-istituzzjoni demokratika, li nieħdu l-voti. L-Onorevoli Farrugia qiegħed jipprova jżommna milli nagħmlu dan bid-diskors tiegħu; diskors oxxen, tgħajjir u theddid. Naħseb li dan m'għandux ikun f'istituzzjoni demokratika. Aħna għandna d-dritt nieħdu l-voti kif naħsbu aħna."

Għal dan id-diskors is-Sedja b'mod immedjat rrispondiet hekk:

> "Onorevoli Clyde Puli, se jkollok il-protezzjoni tas-Sedja. Hawnhekk ħadd ma jindaħal lil ħadd f'dawk li huma proċeduri tal-Parlament."

Wara li s-Sedja identifikat lill-Onorevoli Joe Farrugia bħala l-Membru li seta' qal xi diskors kif indikat mill-Onorevoli Clyde Puli, talbitu biex jagħti spjegazzjoni, għal liema talba l-Onorevoli Joe Farrugia qal hekk:

> "Imma dak qed jiċċajta, qed jiċċajta."

u ftit wara qal hekk:

> "Naħseb għejja."

Hawnhekk l-Onorevoli Clyde Puli rrimarka b'mod immedjat:

> "Jiena m'għajjejtx għaliex ma xrobtx."

Immedjatament wara l-Kamra kompliet billi ħadet id-*division* mitluba, liema votazzjoni kienet waħda mill-maratona ta' voti li kellna tant li s-seduta baqgħet sejra sat-3.00 ta' filgħodu.

Is-Sedja issa se tgħaddi għall-konsiderazzjoni tagħha dwar il-punti mqajma u tirrileva mill-ewwel li l-Onorevoli Clyde Puli fl-ebda mument ma talab lis-Sedja biex tinvestiga jekk hemmx *prima facie* ksur ta' privileġġ fil-konfront tiegħu mill-Onorevoli Joe Farrugia. Is-Sedja tinnota li t-talba kienet għall-protezzjoni tas-Sedja, liema protezzjoni ngħatat tant li l-voti baqgħu għaddejjin mingħajr l-ebda xkiel u li dak li allegatament qal l-Onorevoli Joe Farrugia ma kellu l-ebda influwenza fuq il-proċeduri li segwew f'dik is-seduta, fejn l-Oppożizzjoni kellha kull dritt titlob, skont l-Ordnijiet Permanenti, li l-vot jittieħed wara s-sospensjoni tal-Kamra għal għoxrin minuta.

Minkejja dan, is-Sedja xorta kellmet personalment lill-Onorevoli Clyde Puli u lill-Onorevoli Joe Farrugia kif ukoll lill-Whips taż-żewġ naħat. Minn dawn il-konsultazzjonijiet is-Sedja

rriżultawlha żewġ verżjonijiet fejn dak li ġie allegat mill-Onor. Clyde Puli ġie kontradett mill-Onor. Joe Farrugia. Madankollu, minn dawn l-istess żewġ verżjonijiet hija setgħet tikkonstata li sar diskors dwar il-fatt li kienu qed jittieħdu *divisions* fuq numru ta' emendi u li dawn kienu qed jittieħdu wara għoxrin minuta kull darba.

Is-Sedja rat x'jgħidu l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra kif ukoll l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113) b'referenza partikolari għall-paragrafi (d) u (g) tas-subinċiż (4) tal-artikolu 11 li jgħidu hekk:

> "(d) kull min jaħbat għal Membru, ifixklu jew jinsultah filwaqt li jkun sejjer jew ġej lura mill-Kamra jew minħabba d-dmirijiet tiegħu fil-Kamra, jew kull min, b'forza, b'insult jew b'theddid, ifittex li jġiegħel Membru illi jiddikjara ruħu favur jew kontra proposta jew xi ħaġa li tkun għadha miexja jew li tkun sejra tinġieb quddiem il-Kamra;
> (g) kull min iqajjem jew jieħu sehem fi storbju fil-Kamra jew fil-qrib tas-Sala tal-Kamra, jew ġewwa fiha stess, filwaqt ta' laqgħa tal-Kamra, b'mod li minħabba f'hekk il-proċedimenti tal-Kamra jitwaqqfu jew x'aktarx ikollhom jitwaqqfu;"

Is-Sedja ma jidhirlix li d-diskors li setgħet tikkonstata li sar seta' wassal għal xi influwenza fuq il-proċedimenti tal-Kamra u għalhekk ma tarax li tali diskors jaqa' taħt xi wieħed mill-paragrafi ċitati hawn fuq tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u Setgħat tal-Kamra.

Lanqas ma jidher li l-istess diskors jista' jaqa' taħt l-Ordni Permanenti 60 tal-Kamra li jgħid:

> "Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'referenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru."

Dan qed jingħad għaliex is-Sedja jidhrilha li fl-ebda mument il-proċeduri tal-Kamra ġew b'xi mod imxekkla għaliex il-voti ttieħdu wieħed wara l-ieħor għal tul ta' madwar sitt sigħat fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2015 mingħajr ebda problemi ta' xejn.

Finalment is-Sedja qiegħda, bħalma dejjem tagħmel, tappella għall-bon sens tal-Membri sabiex juru rispett lejn xulxin fil-komportament tagħhom, ikunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi.